*Anniversarji:*

# GIUSEPPE CALI'
# U L-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ F'ĦAL QORMI

***Kitba ta' Dr Joseph F. Grima***

Din is-sena li qegħdin fiha, l-2005, taħbat il-75 anniversarju mill-mewt ta' wieħed mill-aktar pitturi ċelebri li twieldu Malta. Qed nirreferu għall-magħruf Giuseppe Calì li, eżattament 100 sena ilu, jiġifieri fl-1905 u allura dan hu anniversarju ieħor, pitter l-abside tal-kor tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Iżda barra minn dan ix-xogħol, Calì kellu konnessjonijiet artistiċi oħrajn mal-parroċċa tagħna, kif sejrin naraw.



*Ritratt ta' Giuseppe Calì.*
(*Ħajr:* Dr Louis A. Camilleri)

Calì kien pittur prolifiku ħafna u tant jeżistu xogħlijiet tiegħu fi knejjes, mużewijiet, bini pubbliku u kollezzjonijiet privati li saret ħaġa kwazi impossibbli li tinġabar lista sħiħa (mija fil-mija) tal-pitturi tiegħu, għalkemm wieħed mid-dixxendenti tiegħu - neputih (*grandson*) il-Kurunell Edwin A. Camilleri - ipprova jagħmel dan u rnexxielu joħroġ b' lista tassew impressjonanti.[1] Calì għex ħajja ta' 84 sena attivi ħafna fil-kamp pittoriku, b'numru ta' kummissjonijiet dejjem deħlin, u dan minkejja l-kompetizzjoni qawwija li kellu jiffaċċja minn-numru ta' artisti barranin, l-aktar Taljani. F'din il-kitba, sejrin l-ewwel nett nagħtu ħarsa ħafifa lejn ħajtu u l-pittura tiegħu b'mod ġenerali, u

[1] E.A. Camilleri, *Giuseppe Calì*, Malta 1991, 21-39.

[2] Għall-fini tè dettalji u apprezzamenti artistiċi f'dan l-artiklu, irreferejna għal: E.A. Camilleri, *Giuseppe Calì*, Malta 1991, li jinkludi wkoll apprezzament kritiku ta' D. Cutajar flimkien ma' 86 ritratt bil-kulur ta' pitturi u karikaturi; E. Fiorentino u L.A. Grasso, *Giuseppe Calì 1846-1930*, Malta 1991, li jinkludi fih madwar 160 ritratt (kważi kollha bil-kulur) ta' xogħlijiet tal-pittur; M. Buhagiar, *The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900 - Painting*, Malta 1988, 178-88, *passim*; *Idem*, "Xogħlijiet ta' Arti w Artiġjanat fil-Knisja ta' San Ġorġ", *Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Ħal Qormi - Erba' Sekli ta' Storja*, editur J.F. Grima, Malta 1984, 67-8,74-5 u 85-6; N. de Piro, *The International Dictionary of Artists who Painted Malta*, it-Tieni Edizzjoni, Malta 2002, 80-3; G. Gauci (Editur), *Sacred Art in Malta 1890-1960*, Malta 1990, 39-44; R. Bonnici Calì, *G. Calì Centenary Exhibition 1846-1946 Illustrated Catalogue with Biographical Notes and Index of Works*, Malta 1946; J.F. Grima, *Minn Ġrajjet Parroċċa Maltija: San Ġorġ ta' Ħal Qormi ca.1400-2003, Malta 2003*, 93,97,106,110,112,119.

[3] Riproduzzjonijiet tax-xogħlijiet li semmejna kollha ġew stampati f'xi wieħed mill-kotba li ċċitajna f'nota 2. L-istorja tal-ħmar irrakkontahielna wieħed mid-dixxendenti ta' Calì, it-tabib Dr Louis A. Camilleri, li eżerċita l-professjoni tiegħu għal aktar minn 50 sena bħala tabib tal-familja f'Ħal Qormi. Inċidentalment, ħuh l-avukat Dr Giuseppe Maria Camilleri, kien politiku li rrappreżenta 'l Ħal Qormi għal bosta snin fil-Parlament Malti.

mbagħad niflu fil-qosor il-konnessjoni artistika tiegħu mal-Parrocca San Ġorġ.[2]

## ĦAJTU

### Tfulija

Giuseppe Calì twieled il-Belt fl-14 ta' Awissu 1846, iben in-Naplitani Raffaele Calì u Giovanna Padiglione li x'aktarx ġew joqogħdu Malta minħabba l-inkwiet politiku fl-Italja f'dak iż-żmien b'konnessjoni mar-Risorgimento. Raffaele kien pittur, għalkemm mhux professjonalment, u mużiċista tajjeb fil-waqt li Giovanna kienet mezzo-sopran ta' talent. Iz-ziju ta' Giuseppe, Antonio (1788-1866) u kuġinuh Beniamino (t.1832) kienu skulturi. It-talent artistiku kien fil-vini tiegħu u, ta' 17-il sena, Giuseppe ntbagħat Napli minn Guglielmo Eynaud biex jistudja l-arti fl-*Accademia di Belle Arti* taħt id-direzzjoni tan-neo klassiċista Giuseppe Mancinelli (1812-75). Calì jidher li nqata' mir-riġidita' tas-surmast tiegħu wara li sar ħabib ta' Domenico Morelli (1826-1921) li kien esponent tan-naturaliżmu fil-waqt li kien influwenzat ukoll mir-romantiċiżmu ta' Eugene Delacroix (1798-1863). Forsi l-aktar xogħol, fost il-bikrijin tiegħu, li juri dawn l-influwenzi kienet il-pittura tal-***Mewt ta' Dragut*** li pinġa fl-1867, fl-eta' ta' 21 sena, u li fiha kuluri u vigorezza mill-aqwa.

### Pittur Versatili

Fl-1871, Giuseppe Calì iżżewweġ lil Perinia Pace. Kellhom 11 ulied u forsi kien minħabba li kellu jipprovdi għal familja hekk numeruża li kien jaċċetta tant kummissjonijiet li kienu joffrulu. Ix-xogħol magħruf tiegħu jinkludi 'l fuq minn 600 pittura f'*media* differenti u jinkludu titulari ta' l-artali, *water colours*, pitturi fuq soqfa (ġebla) tal-knejjes, dekorazzjonijiet, *easel paintings* u xi ftit litografiji u karikaturi. Meta wieħed iqis din il-kwantità kollha, ma jiskantax li mhux ix-xogħol kollu jkun ta' livell għoli ħafna iżda, meta nqisu kollox ma' kollox, Calì jibqa' dejjem *draughtsman* tajjeb u pittur kbir. Jekk ikollok tiġbor lista ta' kapolavuri artistiċi Maltin, ikollok bilfors tinkludi fiha wħud mix-xogħlijiet tiegħu.

X'aktarx li l-aħjar fażi artistika ta' Calì kienet il-perjodu bejn l-1867 u l-1890. Dawn is-snin huma karatterizzati minn sens profond ta' romantiċiżmu b'kuluri brillanti, figuri dinamiċi u sensitività li tinħass ħierġa mill-pittura tad-drappijiet, panniġġi u l-oġġetti, kollox permess ta' impast qawwi. Ix-xogħlijiet tas-snin susseg-wenti juru tnaqqis fil-virilita' artistika b'kuluri anqas jgħajtu, aktar figuri, aktar melodrammatiċita' u anqas *draughtsmanship*. X'aktarx li dan kien riżultat tal-fatt li kellu jogħġob lill-klijienti tiegħu għax dejjem kien bżonn ix-xogħol biex, bħalma diġa' għidna, jgħajjex deċentement il-familja kbira tiegħu meta l-ħobża ta' kuljum kien jaqlagħha primarjament mill-pittura li kien jipproduċi.

Calì kien ukoll innovatur u kien jesperimenta biex ikun ċert li l-kuluri li juża ma tonqsilhomx il-vivaċità tagħhom meta jgħaddu s-snin. Qatt ma pitter affresk għax kien jidhirlu li din it-teknika ma kinitx adattata la għall-ġebla Maltija u lanqas għall-klima lokali. Fl-1860, kien għen lil Giovanni Gallucci (t.1815) fil-pittura ta' l-affreski tal-koppla tal-Katidral ta' L-Imdina iżda baqa' impressjonat kemm dan ix-xogħol iddeterjora fi żmien qasir. Fil-fatt, fl-1885 kienu talbuh biex jirrestawrahom. Min-naħa l-oħra, Calì pitter diversi drabi biż-żejt dirett fuq il-ġebla, bħalma fil-fatt għamel f'Ħal Qormi fl-1905.

### Xi Xogħlijiet Reliġjużi

Fost il-pitturi ta' Calì, insibu madwar 70 titular għall-artali, fosthom tnejn f'Ħal Qormi. X'aktarx li l-kapolavur tiegħu f'dan il-ġeneru sar fl-1881: ***San Ġlormu*** għall-Knisja tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema fejn naraw vigorożità kbira u l-influwenza tal-Moviment Romantiku Franċiż. Fl-istess knisja hemm ***San Pietru u San Pawl*** fejn iż-żebgħa li biha pitter iż-żewġ qaddisin hi tant ħoxna li l-figuri donnhom basso-riljiev, speċjalment meta wieħed jara warajhom ħajt sempliċi li fih hemm biss niċċa żgħira għal lampa taż-żejt. F'Ħal Tarxien ħareġ emozzjoni qawwija f'pittura tal-***Madonna tad-Duluri*** iżda jidher ħafna ferħ fil-***Ħarba għall-Eġittu***

u ***L-Adorazzjoni tal-Maġi***.

Il-koppla tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija turi xeni tal-Milied fil-waqt li fl-anjoletti taħt il-koppla tal-Mosta hemm tmien xeni mill-ħajja ta' Ġesù Kristu li tlieta minnhom kienu s-suġġett tal-bolli tal-Milied ta' l-1992. Iżda x'aktarx li l-aktar xogħol fuq saqaf ta' knisja li jħallik impressjonat hu l-***Apoteosi ta' San Franġisk*** fil-Knisja ta' San Franġisk tal-Belt. Hawnhekk, Calì ried jagħti prova tal-kapaċitajiet tiegħu bħala tweġiba pittorika lill-kompetizzjoni mill-barranin li, għalkemm kienu ta' kalibru u abbiltà anqas minn tiegħu, kienu jingħataw diversi kummissjonijiet prestiġjużi.

### *Pitturi Oħrajn*

Calì ma kienx ipitter temi reliġjużi biss. Kien imfittex ħafna bħala ritrattista (*portrait painter*) fejn wera eleganza u psikoloġija. Minn fost dan il-ġeneru nistgħu nsemmu ***Dr Zammit Clapp*** li jevoka rispett, ***Dr Adriano Dingli*** fejn jispikka l-karattru ta' bniedem influwenti fil-politika Maltija, u l-istudju memorabbli ta' ***Fra Krispin*** fejn jinħassu s-sempliċita' u l-fervur reliġjuż flimkien mar-realiżmu tal-faqar taċ-ċella ta' dan il-fra twajjeb u qaddis.

Xeni tal-kampanja pitter ukoll, fosthom pittura ta' ***Nżul ix-Xemx*** f'impast oħxon li jgħaġġbek. Dawn ix-xogħlijiet x'aktarx kienu jispiċċaw għand il-familja u l-ħbieb. Pittura msejħa ***Talba*** turina l-konċentrazzjoni ta' waħda xiħa titlob, naraw ħlewwa u senswalità f'***Tifla Ħdejn Nixxiegħa***, jispikka r-realiżmu fil-***Luzzu***, nilmħu xena tipikament Maltija u l-kelb fil-***Kaċċa***, u nevokaw tifkiriet ta' żmien il-Kavallieri fil-***Barrakka ta' Fuq fis-Seklu Tmintax***.

Jidher ukoll li Calì kellu sens umoristiku. Kien jibża' ħafna fil-maltemp u pittura ħelwa ħafna li turi ħmar imbeżżgħa waqt maltempata u riefnu kien jirreferi għaliha bħala awtoritratt. Personalment jogħġbuni wkoll l-erba' kwadri li juru l-erba' staġuni li jfakkruni wkoll fil-mużika ta' Vivaldi.[3] Giuseppe Calì miet fl-1 ta' Marzu 1930 iżda jibqa' dejjem ħaj fix-xogħlijiet tiegħu, speċjalment fl-awtoritratt li pitter.[4]

## FIL-PARROĊĊA SAN ĠORĠ

### Il-Kwardu Titulari ta' San Ġużepp

L-ewwel konnessjoni ta' Calì mal-parroċċa San Ġorġ kienet il-kummissjoni għall-kwadru titulari ta' San Ġużepp li



*Il-Kwadru Titulari ta' San Ġużepp; wieħed mill-artali tan-navijiet.*

(*Hajr:* Frendo Photographics, Qormi)

sar għall-ħabta ta' l-1885-8 li tħallas mill-Fratellanza ta' San Ġużepp. Dan hu kwadru rappreżentattiv li fih tiddomina l-figura ta' San Ġużepp bħala l-patrun universali tal-Knisja, bil-qiegħda fuq sħaba bajda mdawwla bit-tfajjel Ġesù wieqaf fuq ħoġru, u mdawwar b'anġli sbieħ. Taħt riġlejħ naraw pajsaġġ bil-Bażilika ta' San Pietru fiċ-ċentru u, fil-ġenb tax-xel-

[4] Fost uliedu, ibnu Ramiro (1881-1945) kien pittur ukoll għalkemm ma kellux it-talenti ta' missieru. Bintu Erminia (1887-1975) kellha talent artistiku u kienet tpitter kultant iżda kienet ukoll pjanista tajba. Iben ieħor, Ugo, kien fotografu eċċellenti iżda pitter ftit għalkemm it-talent artistiku kien fih. Ramiro kellu żewġ uied li kellhom talent pittoriku: Guido (1914-75), li ddedika ħafna ħin għar-restawr u allura pitter ftit, u Lea (1921-1999) li kienet tpitter bħala delizzju u għexet bosta snin fl-Ingilterra wara li żżewġet fizzjal Ingliż.

lug, hemm għarkubbtejha omm bil-kuruna tar-rużarju u ħdejha tfajjel wieqaf. L-omm hi allegorija ta' om-mna l-knisja u t-tfajjel jirrappreżenta l-poplu t'Alla. Fil-ġenb tal-lemin hemm it-tijara papali u ċ-ċwievet ta' San Pietru flimkien mal-kitba *Catholicam Ecclesiam Patronum* (Il-Patrun tal-Knisja Kattolika). Jidher jitgħawweġ fit-trab is-simbolu tal-ħażen, is-serp, flimkien ma' xitla ward tinbet mill-art għerja.

Oriġinarjament dan il-kwadru kien akbar milli hu llum iżda fl-1924 inbi-dlet il-prospettiva ta' l-artal u intwietlu biċċa minn kull ġenb biex komplew jużawh bħala kwadru titulari. Dan hu xogħol minn fost l-aħħar pitturi ta' Calì fl-ewwel fażi tiegħu fejn ip-produċa l-aħjar kwadri (u xogħlijiet oħrajn) li pitter.



*Il-pittura ta'* San Ġorġ fil-Glorja *fl-arzella ta' l-abside tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.*

(*Hajr:* Frendo Photographics, Qormi)

**Il-Glorja ta' San Ġorġ**

Eżattament mitt sena ilu, fl-1905, Calì pitter biż-żejt fuq il-ġebla l-arzella ta' l-abside tal-kor tal-knisja par-rokkjali ta' San Ġorġ. Kien il-Viċi-Parroku, il-Kanonku Dun Ġwann Porsella Flores li, fis-16 ta' Jannar 1905, mar għand Calì biex jitolbu jagħmel dan ix-xogħol.[5] Jista' jkun li mhux kulħadd qabel li Calì jingħata din il-kummissjoni għax, eżatt wara li nawguaw din il-pittura, dehru kitbiet f'almenu tliet pubblikazzjonijiet mim-lijin tifħir għal dan ix-xogħol.[6] Dan it-tifħir kien isir b'reazzjoni għall-pitturi li kienu jiġu kummissjonati lill-artisti barranin, bħalma diġa' semmejna ak-tar 'il fuq. Jidher li Calì ma tantx dam wisq jaħdem fuq din il-pittura għax fl-istampa lokali nsibu żewġ rapporti li jsostnu li lestiha f'anqas minn ħames ġimgħat. Tidher il-firma ta' Giuseppe Calì iżda x'aktarx għenu xi ftit ibnu Ramiro li kien għadu kemm ġie lura mill-istudji tiegħu f'Ruma. Ġiet re-stawrata darbtejn: fl-1961 mill-artist Oscar Testa u fl-2003 minn Maurizio Tagliapietra, Arantza Garcia u Erika Falzon tad-Dipartiment taċ-Ċentru tar-Restawr f'Bighi. Tajjeb li nfakkru li r-restawr tal-2003 ħallsu għalih il-ħames fratellanzi tal-parroċċa be-jniethom.

[5] Ġ. Schembri, "Id-Djarju tal-Parrinu", *Leħen Ħal Qormi*, Nru. 32, Diċembru 1994, 6. Il-Kanonku Porsella Flores kien il-parrinu tal-kittieb ta' dan l-artiklu li ċċitajna, il-Kanonku Dun Ġwakkin Schembri.

[6] *Malta Letteraria*, N.ru 20, Diċembru 1905, 381-2; *Malta e Sue Dipendenze*, 30.xi.1905; *Malta Tagħna*, 9.xii.1905.

Fil-pittura naraw lis-Santissima Trinità u l-Madonna jilqgħu lil San Ġorġ fil-ġenna fejn il-qaddis jidher għarkubbtejh bid-dragun taħt riġlejh flimkien ma tlitt anġli kbar fuq kull naħa tal-pittura. Fiha kuluri ħelwin iżda l-aktar li jolqtu l-għajn, mil-lat artistiku, huma l-anġli: sitt figuri eleganti ħafna u ta' bixra aristokratika. Ta' min isemmi wkoll li, għal din il-pittura, Calì kien ħejja *bozzetto* li llum qegħda f'kollezzjoni privata.

**Xogħlijiet Oħrajn**

Kwadru ta' ***Sant'Antnin ta' Padova*** ġie ddatat għall-ħabta ta' l-1885.[7] Din il-pittura kienet sotto-kwadru ta' wieħed mill-artali tal-knisja parrokkjali kif kienet il-prattika dak iż-żmien. Ħallas l-ispejjes tal-kwadru Mikiel Grima, antenat tiegħi, iżda maż-żmien twarrab u ġralu ħsara kbira fejn telquħ, fl-hekk imsejjaħ "maħżen taċ-Ċintura". Fl-1930 restawrah Ramiro Calì, iben il-pittur oriġinali, u tqiegħed fis-sagristija mill-Arċipriet Dun Anton Vella bejn l-1936 u l-1937.[8]

Il-kwadru titulari tal-Knisja tal-Vitorja hu wkoll attribwit lil Giuseppe Calì li jingħad pinġieh għall-ħabta tas-sena 1890. Hu kwadru-wegħda li tħallas minn Indrì Abela, magħruf bħala *Ta' Feliċa*.[9] Jingħad ukoll li meta kien qed ipitter l-abside tal-knisja parrokkjali fl-1905, Calì (flimkien maż-żewġ ħutu Federico u Lorenzo) wettaq xi xogħol ta' restawr fuq il-kwadru titulari ta' Mattia Preti u wkoll żied miegħu l-anġlu fuq in-naħa tal-lemin tal-kwadru.[10]

Fl-1895, il-vara titulari ta' San Ġorġ ġiet rimodellata xi ftit u ngħatat is-sura li għandha llum. Skond rapport kontemporanju fl-istampa lokali, ix-xogħol sar taħt id-direzzjoni ta' Giuseppe Calì li kien ukoll responsabbli miż-żebgħa ta' l-istatwa.[11] Hawn min jaħseb li ż-żebgħa saret minn ħaddieħor[12] għalkemm Calì kien responsabbli għaż-żebgħa tal-karnaġġjon.[13]

Fl-aħħar nett, nistgħu nżidu li, għall-ħabta tas-sena 1900, beda jinħadem palk għall-banda li kien jintrama f'Misraħ San Franġisk iżda li llum m'għadux jeżisti għax twarrab wara li ssewwes. Jingħad li d-disinn ta' dan il-palk kien sar minn Giuseppe Calì.[14]

[7] E.A. Camilleri (1991), 31.
[8] C. Psaila, *Il-Knisja Arċimatriċi ta' Ħal Qormi bil-Ġrajja Tagħha*, Malta 1937, 53-4.
[9] *Ibid*., 158. E.A. Camilleri (1991), 33, jgħid li sar għall-ħabta ta' l-1885.
[10] E.A. Camilleri (1991), 10; M. Buhagiar (1984), 60 (nota 8).
[11] *Il Ħabbar*, 20.iv.1895. Ir-rapport hu kkwotat *verbatim* f'J.F. Grima, *Il-Vara Titulari ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi* 1741-1991, Malta 1991, 25.
[12] J.F. Grima (1991), 25-6.
[13] E. Fiorentino u L.A. Grasso (1991), 50.
[14] J.F. Grima (2003), 119.



WELLFIT
*tiswija ta' żraben*
**TRIQ S. BENEDITTU QORMI**
Faċċata ta' (Busketto Confectionery)
***MOBILE:9985 4327***
***Tuesday to Saturday: 9.00a.m. till 12.00p.m.***
